MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 349/2015

**Go p.l.c**
**C 22334**

**Vs**

**Joelene Camilleri**
**ID 543786M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Mejju, 2015 billi s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€628.49) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40138949 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija `ngunta ghas-subizzjoni.

Dehret il-konvenuta li kkonfermat bil-gurament illi l-ammont dovut pero tixtieq thallsu f'rati mensili ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25).

It-Tribunal ghalhekk jilba' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€628.49) b'rati ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25), b'dan pero illi kemm il-darba jonqsu zewg pagamenti konseguttivi allura l-konvenuta titlef id-dritt tal-hlas mensili u l-amont ikun dovut fl-intier tieghu. Bl-ewwel pagament ikun fl-10 ta' Lulju, 2015.

Il-kawza tibqa' bla taxxa.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------